

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 202/2014****tal-25 ta' Settembru 2014****li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet [2015/1270]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE sabiex tinkludi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2012/C 398/01 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ⁽¹⁾.
- (2) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-paragrafu 8 tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

“— **32012 H 1222(01)**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2012/C 398/01 tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1).”*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.